**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.**

**Att t'Akkuza nru: 4/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Paolo Mercieca**

**Illum, 13 ta' Settembru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **Paolo Mercieca**, ta' 90 sena, iben Coronato u Teresa nee' Refalo, mwieled Rabat Ghawdex, nhar is-26 ta' Mejju 1932, reżidenti ġewwa 8, Triq tas-Sabba, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru **41732G,** l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**L-EWWEL KAP:**
**Il-fatti:**

Fis-sebgha (07) ta'Ottubru tas-sena 2019, Stephen Mike Cauchi kien ċempel l-għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex sabiex jinfurmahom illi Paolo Mercieca (iktar l-isfel magħruf bħala l-'akkużat') kien kisser it-tieqa tal-karozza bin-numru ta'reġistrazzjoni

LAD823 tal-istess Cauchi li kienet ipparkjata fit-Triq is-Salib x-Xewkija, Għawdex. Wara din it-telefonata, l-Pulizija mill-għassa tar-Rabat Għawdex ordnaw lill-akkużat Paolo Mercieca sabiex imur l-Għassa tar-Rabat Għawdex kif fil-fatt għamel. Il-Pulizija tal-Għassa tar-Rabat Għawdex spjegaw lill-akkużat Paolo Mercieca illi fi triq pubblika kullħadd jista' jipparkja l-karozza tiegħu.

Ftit tal-ħin wara u ċioe' wara li l-akkużat Paolo Mercieca telaq mill-għassa tar-Rabat, Għawdex, il-Pulizija tal-Għassa tar-Rabat Għawdex reġgħu rċevew telefonata fejn daħlet informazzjoni li kien hemm xi sparaturi fi triq is-Saliba fix-Xewkija Għawdex.

Ġara illi wara li l-akkużat Paolo Mercieca lesta mill-għassa tar-Rabat Għawdex, mar lura ħdejn id-dar tiegħu fejn kien għad hemm il-karozza ta' Stephen Mike Cauchi pparkjata. L-akkużat Paolo Mercieca kien qiegħed bil-mutur u kien liebes *helmet* f'rasu. Viċin il-karozza ta' Stephen Mike Cauchi kien hemm ukoll Stephen Mike Cauchi. L-akkużat Paolo Mercieca mexa sal bieb tad-dar tiegħu, u minn wara dan il-bieb ħareġ arma tan-nar (senter St. Etienne nru. 25312), ppuntah lejn wiċċ Stephen Mike Cauchi u bl-intenzjoni li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Stephen Mike Cauchi f'perikolu ċar għafar il-grillu u spara.

Fortunatament malli Stephen Mike Cauchi induna b'dak li kien qiegħed jagħmel l-akkużat Paolo Mercieca, immedjatament intefgħa mal-art sabiex jevita li jintlaqat mit-tir tal-arm tan-nar. B'hekk l-akkużat Paolo Mercieca ma laħaqx ikkonsma l-ħsieb doluż tiegħu li joqtol lil Stephen Mike Cauchi jew li jqegħedlu ħajtu f'periklu ċar bit-tir tal-arma tan-nar biss grazzi għar-riflessi f'waqthom ta' Stephen Mike Cauchi li ntefa' fl-art biex jaħrab it-tir. Dak il-ħin li kien hekk mal-art Stephen Mike Cauchi induna li l-akkużat Paolo Mercieca kellu tir ieħor fl-arma tan-nar u għalhekk ta s-salt fuq l-akkużat Paola Mercieca sabiex joħodlu l-arm idejħ. Waqt li kienet għaddejja din il-kollutazzjoni, Stephen Mike Cauchi- irnexxilu jieħu l-arma tan-nar minn idejn l-akkużat Paolo Mercieca- li għal ftit mumenti dan tal-aħħar intilef minn sensieħ. Illi kien għall-istint ta' soppravvivenza tal-vittma li l-ħsieb doluż tal-akkużat Paolo

Mercieca li joqtol lill-vittma Stephen Mike Cauchi jew li jqegħdlu ħajtu f'perikolu ċar b'tiri ta' arma tan-nar ma seħħx.

L-intenzjoni tal-akkużat Paolo Mercieca kienet ċara filli kellu l-ħsieb illi joqtol lil Stephen Mike Cauchi jew li jqegħdlu ħajtu f'perikolu ċar u kien beda jipprova jagħmel dan billi spara arma tan-nar fid-direzzjoni ta' Stephen Mike Cauchi, u dan id-delitt ma ġiex eżegwit mhux għax l-akkużat Paolo Mercieca iddeċieda li ma jkomplix, iżda minħabba azzjoni immedjata ta' Stephen Mike Cauchi sabiex jissalvagwardja ħajtu stess.

**<u>Il-konsegwenzi:</u>**

B'għemilu, l-akkużat Paolo Mercieca sar ħati talli fis-sebgħa (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), Ix-Xewkija, Għawdex, fl-10:20 ta' filgħodu, dolożament bil-ħsieb li joqtol jew ipoġġi l-ħajja ta' Stephen Mike Cauchi f'perikolu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bodu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt ta' omiċidju volontarju billi spara tir bi senter tal-għamla St. Etienne bi numru 25312 fid-direzzjoni ta' Stephen Mike Cauchi, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

**<u>L-akkuża:</u>**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tad-data, lok, ħin, ċirkostanzi u fatti hawn fuq imsemmija aktar l-fuq  f'dan il-kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Paolo Mercieca**, ħati talli fis-sebgħa (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), ġewwa Ix-Xewkija, Għawdex, għall-ħabta tal-għaxra u għoxrin –(10:20) ta' filgħodu, irrenda ruħu ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u cioe' talli dolożament bil-ħsieb li joqtol persuna (Stephen Mike Cauchi) jew ipoġġi l-ħajja tagħha f'perikolu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

**Il-piena:**

Konsegwentement, l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat **Paolo Mercieca**, u illi huwa jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija minn tmien (08) snin sa erbgħin (40) sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 41, 211(1) (2) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għall-kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**IT-TIENI (2) KAP**

**Il-fatti:**

Dakinhar tal-akkadut u fil-lok u ċirkostanzi hekk kif deskritti u jirriżultaw mil-kap preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, u ċioe' fis-sebgħa (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), għal ħabta tal-għaxra u għoxrin (10:20) ta' filgħodu, l-akkużat **Paolo Mercieca** kellu argument ma' Stephen Mike Cauchi.

Kif spjegat fil-kap preċedenti għall-ħabta tal-għaxra u għoxrin (10:20) ta' filgħodu tas-sebgħa ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-akkużat **Paolo Mercieca** u Stephen Mike Cauchi kienu qegħdin fl-inħawi ta' triq is-Salib ix-Xewkija, Għawdex. L-akkużat Paolo Mercieca daħal wara l-bieb tar-residenza tiegħu, ħa senter minn wara l-bieb ħareġ u pprova joqtol permezz ta' tir lil Stephen Mike Cauchi. Il-vittma Stephen Mike Cauchi kellu r-riflessi pronti u niżel minnufih mal-art biex jevita t-tir u minnufih wara ħadlu l-arma tan-nar u minn hemm l-akkużat Paolo Mercieca li kompla jħebb għall-vittma Stephen Mike Cauchi, b' Stephen Mike Cauchi jiddefendi lilu nnifsu. Minkejja li Stephen Mike Cauchi ddefenda lilu nnifsu, xorta waħdu l-akkużat Paolo Mercieca irnexxielu jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Stephen Mike Cauchi u fil-fatt l-akkużat Paolo Mercieca wettaq offiża ta' natura ħafifa fuq Stephen Mike Cauchi.

B'konsegwenza tal-aggrezzjoni Stephen Mike Cauchi sofra ġrieħi ta' natura ħafifa u dan kif fil-fatt ġie iċċertifikat mit-tabib Dr Brian Gatt li kien qiegħed il-poliklinika ta'

Għawdex. Stephen Mike Cauchi fil-fatt kellu tisfira f'widnejh li kienet kkawżata mit-tir li spara mis-senter l-akkużat Paolo Mercieca, kellu *abrasion* fil-ponta ta' sebgħu l-kbir fl-id ix-xellugija u kellu uġieħ li ġie kkaġunat f'siequ.

**<u>Il-konsegwenzi:</u>**

B'għemilu, l-akkużat **Paolo Mercieca** sar ħati fis-sebgħa (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fix-Xewkija Għawdex, għall-ħabta tal-għaxra u għoxrin (10:20) ta' filgħodu, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, permezz ta' arma regulari, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra (Stephen Mike Cauchi), jew ġabilha diżordni f'moħħha; b'dan li l-offiżi jitqiesu li huma ħfief.

**<u>L-akkuża:</u>**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u cirkostanzi ta' zmien u lok msemmija aktar l-fuq f'dan il-kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Paolo Mercieca**, ħati talli fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), gewwa Ix-Xewkija, Għawdex, ghall-habta tal-ghaxra u ghoxrin (10:20) ta' filgħodu, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, permez ta' arma regulari, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra (Stephen Mike Cauchi), jew gabilha disordni f'mohha; b'dan li l-offizi jitqiesu hfief.

**<u>Il-Piena:</u>**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat **Paolo Mercieca**, u illi huwa jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal mhux inqas minn sentejn (2) u mhux iżjed minn seba' (7) snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 214, 217, 221, 383, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi

Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għall-kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**IT-TIELET KAP**

**Il-Fatti**

Illi fil-kuntest ta' zmien, lok, fatti u ċirkostanzi kollha narratifil-kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, u cioe fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), għal ħabta tal-ghaxra u ghoxrin (10:20) ta' filgħodu, l-akkuzat **Paolo Mercieca** kellu argument ma' Stephen Mike Cauchi.

L-argument beda minħabba illi l-akkużat Paolo Mercieca ma riedx li Stephen Mike Cauchi jipparkja l-karrozza tieghu vicin id-dar tal-akkuzat Paolo Mercieca. Minħabba dan l-argument li inħoloq, l-akkużat **Paolo Mercieca** kien daħal wara l-bieb tad-dar tiegħu, ħareġ arma tan-nar mmiraha fid-direzzjoni ta' Stephen Mike Cauchi u sparalu tir. Kien fil-fatt l-istess Stephen Mike Cauchi li evita t-tir billi tbaxxa minnufih eżatt qabel ma ġie sparat.

B'konsegwenza tat-tir li gie sparat volontarjament mill-akkuzat Paolo Mercieca, iċ-ċomb li giesparat mill-akkużat Paolo Mercieca fid-direzzjoni ta' Stephen Mike Cauchi, wara li l-istess Stephen Mike Cauchi evita t-tir, hassar, ghamel hsara jew gharraq il-ħajt tal-garage kif ukoll fil-bieb tal-istess garage tad-dar ta' Maria u Michael konjugi Cauchi ġewwa triq is-Salib, ix-Xewkija, Għawdex.

Iċ-ċomb tat-tir sparat mill-akkużat Paolo Mercieca li spiċċa fuq il-ħajt u bieb tal-garage, kkaġuna ħsara fl-istess ħajt, hekk kif jidher ukoll mir-ritratti meħuda mil-pulizija tax-xena tar-reat, liema ħsara ma skorrietx pero l-elfejn u ħames mitt-euro (€2500).

**Il-Konsegwenza:**

B'għemilu, l-akkużat **Paolo Mercieca** sar ħati talli fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fix-Xewkija, Għawdex, ghall-habta tal-ghaxra u ghoxrin-(10:20) ta' filgħodu, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, u cioe, għamel ħsara fuq il-ħajt u l-bieb tal-garaxx tar-reżidenza bl-isem Ave Maria, li tinsab fi triq is-Salib, ix-Xewkija, Għawdex, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt euro (€2500), għad-detriment ta' Maria u Michael Cauchi.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u cirkostanzi ta' zmien u lok msemmija aktar l-fuq f'dan il-kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Paolo Mercieca, ħati talli fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fix-Xewkija, Għawdex, ghall-habta tal--(10:20) ta' filgħodu, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, u cioe, għamel ħsara fuq il-ħajt u l-bieb tal-garaxx tar-reżidenza bl-isem Ave Maria, li tinsab fi triq is-Salib, ix-Xewkija, Għawdex, liema ħsara ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt euro (€2500), għad-detriment ta' Maria u Michael Cauchi.

**Il-Piena**:

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Paolo Mercieca, u illi huwa jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal mhux inqas minn tmien (8) xhur u mhux iżjed minn erbgħatax (14) il-xahar skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 325, 383, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għall-kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**<u>IR-RABA' KAP</u>**

**<u>Il-Fatti:</u>**

Illi fl-istess kuntest ta' zmien, lok, fatti u cirikostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, u cioe fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dstatax (2019), għal ħabta tal-ghaxra u ghoxrin (10:20) ta' filgħodu, l-akkuzat **Paolo Mercieca** kellu argument ma' Stephen Mike Cauchi u kaġun ta' dan l-argument, hebb, hedded u inġurja lill istess Stephen Mike Cauchi.

L-akkużat **Paolo Mercieca**, kien fil-fatt, fil-ħin eżattament qabel ma mar jiġbor l-arma tan-nar, qal lil Stephen Mike Cauchi, li kien se jurih hu kif kienu ser jirranġaw id-dizgwit ta' bejniethom, u eżatt wara li tenna dawn il-kliem, ġabar l-arma tan-nar, ippuntaha lejn Stephen Mike Cauchi u sparaha fid-direzzjoni tiegħu. Minn dak il-mument qamet kommozzjoni kbira bejn l-akkuzat Paolo Mercieca u Stephen Mike Cauchi, fejn l-akkużat Paolo Mercieca kompla iħebb għall-vittma Stephen Mike Cauchi, u kien biss minħabba l- aġilita' ta' Stephen Mike Cauchi illi l-istess Stephen Mike Cauchi ma sfax vittma ta' omiċidju volontarju.

Stephen Mike Cauchi, ħa l-arma tan-nar minn idejn l-akkużat Paolo Mercieca ezattament wara li l-akkuzat Paolo Mercieca kien sparaluit-tir, u l-akkużat Paolo Mercieca kompla jersaq lejn Stephen Mike Cauchi u pprova jerġa jiehu l-arma tan-nar minn idejh u kompla jipprova iħebb għal Stephen MikeCauchi anki f'dak l-istadju. Minkejja kemm ipprova, l-akkużat Paolo Mercieca ma rnexxilux jiehu l-arma tan-nar lura.

L-akkużat **Paolo Mercieca** fil-fatt b'dan l-aġir kien effettivament ħebb għall-vittma Stephen Mike Cauchi, inġurjah u għeddu fl-istess mumenti.

**<u>Il-Konsegwenza:</u>**

B'għemilu, l-akkużat Paolo Mercieca sar ħati talli fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dstatax (2019), fix-Xewkija, Għawdex, ghall-habta tal-ghaxra u ghoxrin (10.20) ta' filgħodu, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Stephen Mike Cauchi.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u cirkostanzi ta' zmien u lok hawn fuq msemmija aktar l-fuq f'dan il-kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Paolo Mercieca**, ħati talli fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dstatax (2019), fix-Xewkija, Għawdex, ghall-hatba tal-ghaxra u ghoxrin (10.20) ta' filgħodu, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Stephen Mike Cauchi.

**Il-Piena:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat **Paolo Mercieca**, u illi huwa jiġi kkundannat għal piena ta' detenzjon ghal zmien xahrejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 7, 12, 17, 339(1)(e), 383, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għall-kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**IL-ĦAMES KAP**

**Il-Fatti:**

Illi fl-istess kuntest ta' zmien, lok, fatti u cirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, u cioe fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dstatax (2019), għal ħabta tal-ghaxra u ghoxrin (10:20) ta' filgħodu, **Paolo Mercieca** kellu argument ma' Stephen Mike Cauchi u fil-ħin li kien armat b'arma regolari, ikkommetta diversi reati fosthom tentattiv ta' omicidju volontarju ta' Stephen Mike Cauchi u feriti ta' natura hafifa fuq Stephen Mike Cauchi u hsara volontarja fuq il-proprjeta' ta' Maria u Michael Cauchi..

Fil-fatt, kif spjegat fil-kapi preċedenti, l-akkużat **Paolo Mercieca** kellu l-intenzjoni li jispara fid-direzzjoni ta' Stephen Mike Cauchi u dan għaliex l-istess Stephen Mike Cauchi kien dejqu jipparkja l-vettura  quddiem ir-residenza tieghu. Effettivament, l-istess akkużat Paolo Mercieca kien daħal ġewwa r-reżidenza tiegħu, preċiżament wara l-bieb tad-dar, ġabar senter, u sparaħ fid-direzzjoni ta' Stephen Mike Cauchi sabiex jeħles minnu darba għal-dejjem u kien biss għax Stephen Mike Cauchi kien iktar svelt mill-akkużat Paolo Mercieca illi rnexxielu jevita t-tir.

Għalhekk, l-akkużat **Paolo Mercieca**, b'għemilu kien wettaq reat volontarju kontra l-persuna ta' Stephen Mike Cauchi waqt li kien qiegħed juża arma tan-nar regolari flimkien mal-munizzjon ta' dik l-arma tan-nar. L-akkużat Paolo Mercieca mhux biss kien uża din l-arma tan-nar fuq il-persuna ta' Stephen Mike Cauchi iżda kkawża danni biha fil-propjeta ta' Maria u Michael Cauchi.

**Il-Konsegwenza:**

B'għemilu, l-akkużat **Paolo Mercieca** sar ħati talli fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fi triq is-Salib, Ix-Xewkija, Għawdex, ghall-habta tal-ghaxra u ghoxrin(10:20) ta' filgħodu, fil-waqt li kien qiegħed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna (tentattiv ta' omicidju volontarju fil-konfront ta' Stephen Mike Cauchi u feriti ta' natura hafifa fil-konfront ta' Stephen Mike Cauchi) jew ħsara fil-propjeta (fil-konfront ta' Maria u Michael Cauchi), kellu fuq il-persuna tieghu jew fil-pussess tiegħu arma regolari jew munizzjon jew imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti u dan minghajr ghan legittimu.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u cirkostanzi ta' smien u lok msemmija aktar l-fuq f'dan il-kap tal-Att ta' Akkuża,

jakkuża lill-imsemmi **Paolo Mercieca**, ħati talli fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fix-Xewkija, Għawdex ghall-habta tal-ghaxra u ghoxrin(10:20) ta' filgħodu, fil-waqt li kien qiegħed jagħmel reat volontarju kontra l-persuna (tentattiv ta' omicidju in konfront ta' Stephen Mike Cauchi) u feriti hfief (in konfront ta' Stephen Mike Cauchi), jew ħsara fil-propjeta (in konfront ta' Maria u Michael Cauchi), kellu fuq il-persuna tieghuxi arma regolari jew munizzjon jew imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti u dan minghajr ghan legittimu.

**<u>Il-Piena:</u>**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat **Paolo Mercieca**, u illi huwa jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għall mhux iżjed minn erba' (4) snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 55, 56, 57, 60 u 61 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 17, 23, 31, 383, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għall-kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**<u>IS-SITT KAP</u>**

**<u>Il-Fatti:</u>**

Illi fil-kuntest ta' zmien, lok, fatti u cirkostanzi kollha narrati fil-kapi precedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, u cioe fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), għal ħabta tal-ghaxra u ghoxrin(10:20) ta' filgħodu, l-akkuzat **<u>Paolo Mercieca</u>** kellu argument ma Stephen Mike Cauchi u waqt li kien qieghed isehh dak l-argument, uża arma tan-nar u spara dik l-istess arma tan-nar f'post pubbliku u fl-abitat.

L-akkużat Paolo Mercieca kellu kull intenzjoni illi lil Stephen Mike Cauchi jikkaġunali ħsara fil-ġisem, saħansitra ried joqtlu, u sabiex jagħmel dan, spara arma tan-nar fi triq is-Salib ix-Xewkija, cioe, f'post fejn jinstabu djar u reżidenti joqgħodu f'dawk id-djar. Fil-fatt l-akkużat spara senter ta' għamla St. Etienne, bin-numru 25312, u minkejja li ma rnexxilux joqtol lill-Cauchi, dak is-senter xorta waħda sparah u ma sparaħx il-

barra minn 200 metru mill-abitat. Kif fil-fatt ġie ikkonfermat ukoll mill-esperti mill-qorti u mill-fatt li nstab dannu fuq il-ħitan ta garage ta' waħda minn dawk l-istess djar.

**Il-Konsegwenza:**

B'għemilu, l-akkużat Paolo Mercieca sar ħati talli fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fi triq is-Salib, Ix-Xewkija, Għawdex, ghall-habta tal-ghaxra u ghoxrin(10:20) ta' filgħodu, spara arma tan-nar u cioe senter tal-għamla St. Etienne bi numru 25312 f'post abitat jew fi qrib tieghu jew fit-toroq pubblici jew fil-portijiet, għaldaqstant mhux il barra minn 200 metru mill-abitat.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u cirkostanzi ta' zmien u lok msemmija aktar l-fuq f'dan il-kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Paolo Mercieca, ħati talli fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fi triq is-Salib, Ix-Xewkija, Għawdex ghall-habta tal-ghaxra u ghoxrin(10:20) ta' filgħodu, spara arma tan-nar u cioe senter tal-għamla St. Etienne bi numru 25312 f'post abitat jew fi qrib tieghu jew fit-toroq pubblici jew portijiet, għaldaqstant mhux il barra minn 200 metru mill-abitat.

**Il-Piena:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Paolo Mercieca, u illi huwa jiġi kkundannat għal multa ta' mhux inqas minn ħames mitt euro (€500) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5000) u l-konfiska tal-corpus delicti, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 18 u 27 tar-regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, Liġi Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta u 17, 23, 31, 383, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għall-kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**<u>IS-SEBA' KAP</u>**

**<u>Il-Fatti:</u>**

Illi fl-istess kuntest ta' zmien, lok, fatti u cirkostanzi kollha narrati fil- kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, u cioe fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), għal ħabta tal-ghaxra u ghoxrin (10:20) ta' filgħodu, fix-Xewkija Ghawdex, l-akkuzat **Paolo Mercieca** kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar u munizzjon tagħha, u dan mingħajr ma kellu liċenzja, u naqas milli javża lil kummissarju tal-pulizija dwar dan. Effettivament ġara illi l-akkużat Paolo Mercieca kellu xi jgħid mal vittma, cioe ma' Stephen Mike Cauchi, fejn l-akkuzat Paolo Mercieca lil Stephen Mike Cauchi ipprova joqtlu. Sabiex jipprova joqtlu, l-akkuzat Paolo Mercieca kien iddeċieda illi juża arma tan-nar tal-ghamla St Etienne u fil-fatt daħal ġewwa d-dar tiegħu, ġabar is-senter minn wara l-bieb tad-dar. L-akkuzat Paolo Mercieca ma kellux liċenzja sabiex juża dan is-senter. Mill-investigazzjoni rriżulta li l-arma tan-nar ma kinitx registrata f'isem l-akkuzat Paolo Mercieca, iżda kienet tat-tifel tiegħu u għalhekk, l-akkużat Poalo Mercieca ma kienx liċenzjat sabiex ikollu din l-arma tan-nar fil-pussess tiegħu, wisq inqas sabiex jużaha.

Mill-investigazzjoni irriżulta ukoll illi minkejja li din l-arma tan-nar kienet liċenzjata fuq iben l-akkuzat Paolo Mercieca, din kienet ilha żmien twil fil-pussess tal-akkużat u minkejja li kellu dan il-pussess tal-arma tan-nar mingħajr ma kien liċenzjat sabiex jagħmel dan naqas ukoll milli javża lill Kummissarju tal-pulizija fir-rigward ta' dan il-pussess.

Ġie ikkonfermat minn WPS100 Lorraine Grech illi l-akkużat Paolo Mercieca ma kellu ebda liċenzja sabiex ikollu din l-arma tan-nar illi uża hekk kif deskritt fil-kapi preċedenti fil-pussess tiegħu.

**<u>Il-Konsegwenza:</u>**

B'għemilu, l-akkużat Paolo Mercieca sar ħati talli fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fi triq is-Salib, Ix-Xewkija, Għawdex, ghall-habta tal-ghaxra u ghoxrin (10:20) ta' filgħodu, u fis-snin ta' qabel din id-data, wara li akkwista jew ġiet f'idejh xi arma tan-nar, jew munizzjon xort'oħra milli għax kellu liċenzja, naqas minnufih javża lill-Kummissarju tal-Pulizija, li għandu jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon għandhomx jinżammu fil-kustodja tal-Pulizija, jew għand min ikun qed jirraporta l-każ.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tad-data, lok, ħin, ċirkostanzi u fatti hawn fuq msemmija aktar l-fuq f'dan il-kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Paolo Mercieca, ħati talli fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fi triq is-Salib, Ix-Xewkija, Għawdex ghall-habta tal- (10:20) ta' filgħodu u fis-snin ta' qabel din id-data, wara li akkwista jew ġiet f'idejh xi arma tan-nar, jew munizzjon xort'oħra milli għax kellu liċenzja, naqas minnufih javża lill-Kummissarju tal-Pulizija, li għandu jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon għandhomx jinżammu fil-kustodja tal-Pulizija, jew għand min ikun qed jirraporta l-każ.

**Il-Piena:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Paolo Mercieca, u illi huwa jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliett (3) xhur jew multa ta' mhux iżjed minn sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€698.81) jew il-multa u priġunerija flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41 u 51 Tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u 17, 31, 383, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għall-kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**IT-TMIEN KAP**

**Il-Fatti:**

Illi fl-istess kuntest ta' zmien, lok, fatti u cirkostanzi kollha narratifil-kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, u cioe fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), għal ħabta tal-ghaxra u ghoxrin (10:20) ta' filgħodu, Paolo Mercieca kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar u munizzjon tagħha, u dan mingħajr ma kellu liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ikollu fil-pussess tiegħu dik l-arma tan-nar.

Ġara illi meta l-akkużat Paolo Mercieca iddeċieda illi kien se jikkommetti dan ir-reat fuq il-persuna ta' Stephen Mike Cauchi minħabba l-argument li kellu miegħu, hu kien se juża arma tan-nar, din l-arma tan-nar kienet fil-pussess tiegħu u taħt il-kontroll tiegħu u din l-istess arma, kien ġarra barra mill-fond tiegħu meta għażel li kien se jispara lill Stephen Mike Cauchi.

Għalhekk l-akkużat Paolo Mercieca ma setgħax ikollu dik l-arma tan-nar fil-pussess tiegħu u lanqas ma seta iġorra u dan għaliex hu ma kienx fil-pussess ta' liċenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ikollu dik l-arma tan-nar. Dan ġie ikkonfermat ukoll minn WPS100 Lorraine Falzon li kkonfermat li kellu liċenzja iżda mhux sabiex ikollu u iġorr dik l-arma tan-nar.

**Il-Konsegwenza:**

B'għemilu, l-akkużat Paolo Mercieca sar ħati talli fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fi triq is-Salib, Ix-Xewkija, Għawdex, ghall-habta tal-ghaxra u ghoxrin (10:20) ta' filgħodu, u fis-snin ta' qabel din id-data, żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u cirkostanzi ta' zmien u lok imsemmija aktar l-fuq f'dan il-kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Paolo Mercieca, ħati talli fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fi triq is-Salib, Ix-Xewkija, Għawdex ghall-habta tal-ghaxra u ghoxrin-(10:20) ta' filgħodu u fis-snin ta' qabel din id-data, , żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

**Il-Piena:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Paolo Mercieca, u illi huwa jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għall mhux inqas minn tliett (3) xhur u mhux iżjed minn (5) snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 5, 51, 56, 57, 60 u 61 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u 17, 31, 383, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għall-kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**ID-DISA' KAP**

**Il-Fatti:**

Illi fl-istess kuntest ta' zmien, lok, fatti u cirkostanzi kollha narratifil-kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, u cioe fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), u fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel din id-data, Paolo Mercieca kien ikkaġuna biża reali lil Stephen Mike Cauchi illi kienet se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu.

Mill-investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija jirrizulta lil-akkużat Paolo Mercieca kien ilu żmien twil jgħedded lill Stephen Mike Cauchi li kienet ħa tintuża vjolenza kontrih. L-akkużat Paolo Mercieca kien ilu żmien jiddejjaq bil-fatt illi Stephen Mike Cauchi kien qiegħed jipparkja l-karozza tiegħu fit-triq pubblika quddiem il-bieb tiegħu, għaliex l-

akkuzat Paolo Mercieca kien dehrlu illi quddiem il-bieb tad-dar tiegħu stess, hu biss seta jipparkja u hadd aktar. Fil-fatt l-akkuzat Paolo Mercieca kien spiss jghid lill istess Stephen Mike Cauchi illi jekk kien se jibqa jagħmel hekk, kienet se tiswielu.

Ġara ukoll illi sa dik l-istess ġurnata illi l-akkuzat Paolo Mercieca pprova joqtol, lill-akkużat Stephen Mike Cauchi, u precizament qabel ma spara t-tir lejn Stephen Mike Cauchi, l-akkuzat Paolo Merciecakien qiegħed jgħeddu u jghidlu li kien se jurih hu kif kienu se jsolvu l-problema. Il-mod ta' kif l-akkuzat Paolo Mercieca esprima ruhu kien wieħed ta' theddid li wassal ghall-biza. Dan kif kien ġie ikkonfermat ukoll mill-vittma Stephen Mike Cauchi stess.

**<u>Il-Konsegwenza:</u>**

B'għemilu, l-akkużat Paolo Mercieca sar ħati talli fis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fi triq is-Salib, Ix-Xewkija, Għawdex, ghall-habta tal-ghaxra u ghoxrin(10:20) ta' filgħodu, u fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel din id-data ikkaġuna biża lil Stephen Mike Cauchi li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tiegħu.

**<u>L-Akkuża:</u>**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u cirkostanzi ta' zmien u lok imsemmija aktar l-fuq f'dan il-kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Paolo Mercieca, ħati talli fis-seba' (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fi triq is-Salib, Ix-Xewkija, Għawdex, ghall-habta tal-ghaxra u ghoxrin(10:20) ta' filgħodu, u fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel din id-data ikkaġuna biża lil Stephen Mike Cauchi li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tiegħu.

**<u>Il-Piena:</u>**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Paolo Mercieca, u illi huwa jiġi kkundannat għal piena ta'

priġunerija għall żmien minn sena (1) sa sentejn (2) jew multa ta′ mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin ewro u ġamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax il-elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew dik il-multa u priġunerija flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 251B, 383, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta jew għall-kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**L-GĦAXAR KAP**

**Il-Fatti:**

Illi fl-istess kuntest ta′ zmien, fil-lok u ċirkostanzi hekk kif deskritti u jirriżultaw mil-kapi preċedenti ta′ dan l-Att ta′ Akkuża, u cioe fis-sebgha (7) ta′ Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), Paolo Mercieca ftit qabel ma ddeċieda li kien serjoqtol lil Stephen Mike Cauchi, cioe bejn is- sebgha u t-tmienja (07:00 u 08:00) ta′ filgħodu fti Triq is-Salib, Xewkija Ghawdex kien għażel illi jipprova jċaqlaq l-karozza ta′ Stephen Mike Cauchi minn quddiem il-bieb tad-dar tiegħu.

Li għamel l-akkużat Paolo Mercieca fil-fatt kien illi peress li kien iddejjaq bil-karozza ta′ Stephen Mike Cauchi ipparkjata quddiem il-bieb tad-dar tiegħu u ġewwa t-triq pubblika, qabad, ħareġ mir-resdienza tieghu fit-triq, kisser it-tieqa tal-karozza ta′ Stephen Mike Cauchi, cioe Fiat 127 bin-numru ta′ reġistrazzjoni LAD823 wara li kien qatta l-inċirata li kienet fuq il-karozza  sabiex jagħmel dan. L-intenzjoni tal-akkużat Paolo Mercieca kienet illi hu jikkawża dannu fuq il-vettura ta′ Stephen Mike Cauchi, sabiex jiffaċilita d-dħul tiegħu ġewwa dik l-istess karozza u ipoġġi lilu nnifsu f′pożizzjoni li iressaq dik l-istess karozza minkejja l-fatt li effettivament mbagħad spicca sabiexma ċaqlaqx dik l-istess karozza.

Dan kollu ġie ikkonfermat ukoll minn diversi nies illi raw l-istess akkużat Paolo Mercieca jkisser t-tieqa tal-karozza LAD 823 u jipprova jidħol ġewwa dik l-istess karozza.

Għaldaqstant fil-fatt, l-akkużat Paolo Mercieca għamel ħsara fuq il-vettura ta' Stephen Mike Cauchi li hija Fiat 127 bin-numru tal-pjanċi LAD823 u inċirata li kienet tappartjeni ukoll lill-istess Stephen Mike Cauchi.

**Il-Konsegwenza:**

B'għemilu, l-akkużat Paolo Mercieca sar ħati talli fis-sebgħa (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fi triq is-Salib, Ix-Xewkija, Għawdex, bejn is-sebgħa u t-tmiena (07:00 u 08:00) ta' filgħodu volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, u cioe għamel ħsara fuq il-vettura tal-Għamla FIAT 127 bil-pjanċa tar-reġistrazzjoni LAD823 u fuq inċirata, liema ħsara ma tiskorrix mitejn u ħamsin ewro (€250), għad-detriment ta' Stephen Mike Cauchi.

**L-Akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti u cirkostanzi ta' zmien u lok msemmija aktar l-fuq f'dan il-kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Paolo Mercieca ħati talli fis-sebgħa (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), fi triq is-Salib, Ix-Xewkija, Għawdex, bejn is-sebgħa u t-tmienja (07:00 u 08:00) ta' filgħodu volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, u cioe għamel ħsara fuq il-vettura tal-Għamla FIAT 127 bil-pjanċa tar-reġistrazzjoni LAD823 u fuq inċirata, liema ħsara ma tiskorrix mitejn u ħamsin ewro (€250), għad-detriment ta' Stephen Mike Cauchi.

**Il-Piena:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Paolo Mercieca, u illi huwa jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għall perjodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 325, 383, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'

Malta jew għall-kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet preliminari ta' Jean Claude Paolo Mercieca, pprezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-7 ta' Frar, 2023.

Semghet il-partijiet jitrattaw fis-seduta datata nhar it-3 ta' Gunju, 2024.

Ikkunsidrat,

Illi primarjament, fir-rigward **tal-ewwel eccezzjoni** u cioe' fejn l-akkuzat ecepixxa l-genn, in vista ta'dak ritenut mill-esperti psikjatrici mahtura minn din il-Qorti u cioe' li s-Sur Mercieca ma jbatix minn mard ta'genn hekk kif definit mill-ligi,, ma kienx fi stat ta'genn jew distakkat mir-realta' fil-mument tal-allegat reat u ghalhekk kellu kapacita' *d'intendere e di volere*. In oltre, l-esperti kkonkludew ukoll illi l-akkuzat huwa fil-prezent kapaci jsegwi l-proceduri fil-Qorti. Ghaldaqstant, l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat qed tigi michuda.

Illi fir-rigward tat-**tieni eccezzjoni preliminari**, din il-Qorti diga ppronunzjat ruhha permezz ta' sentenza datata it-13 ta' Frar, 2024 u ghalhekk sejra issa tghaddi sabiex tippronunzja ruhha dwar il-kumplament tal-eccezzjonijiet hekk kif imressqa mill-akkuzat Paola Mercieca.

Permezz **tat-tielet eccezzjoni** tieghu l-akkuzat, *in breve*, qieghed jitlob l-isfilz tax-xhieda fejn mit-traskrizzjoni tax-xhieda ma jirrizultax li gew amministrati l-gurament ai termini tal-ligi u sabiex jigu sfilzati wkoll l-oggetti esebiti matul dik x-xhieda.

Illi minghajr telf taz-zmien din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Clayton Azzopardi**[1] fejn qalet is-segwenti:

[1] Deciza nhar 11 ta' Mejju, 2023.

*'Din il-Qorti sejra tghaddi sabiex taghmel referenza ghal sentenza diga' kwotata supra u cioe' dik fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degorgio et***[2] *fejn gie ritenut hekk*:

*..Illi fil-verbal tas-seduta tas-07 ta' Frar 2018 hemm ivverbalizzat:*

*"Xehdet bil-gurament Susan Fenech li esebiet il-proces verbal immarkat bhala Dokument SF."*

*Traskrizzjoni ta' din ix-xiehda in atti ma hemmx* u din il-Qorti tazzarda tghid li lanqas kien hemm bzonn ta' tali traskrizzjoni billi f'din ix-xiehda ma nghad xejn ghajr li x-xhud esebiet id-dokument u kwindi l-verbal huwa xiehda cara ta' dak li sehh.

*"**Ir-regola hi li dak li jseħħ quddiem qorti u li hu, jew li jista' jkun, ta' importanza, jiġi registrat fil-verbal ta' dik l-udjenza. Sakemm ma jiġix pruvat li dak li ġie reġistrat fil-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2002 (fol. 5 tal-atti) ġie reġistrat b'mod żbaljat jew inkomplet – u proprjament jekk wieħed jaqra sew l-ewwel aggravju isib li ma jingħad assolutament xejn speċifikatament dwar dan il-verbal jew il-korrettezza tiegħu – din il-Qorti neċessarjament trid toqgħod fuq il-verbal jew verbali li jkunu.**[3]"* (enfasi ta' din il-Qorti)

*Illi fis-sentenza* ***r-Repubblika ta' Malta vs Giovanna Pace u Christopher Mazzitelli***[4] *, fejn similment bhal fil-kaz odjern il-verbal tal-udjenza kien jindika illi Spettur tal-Pulizija xehed u ezebixxa dokument, izda ma kienx hemm traskrizzjoni tax-xiehda tieghu, gie deciz hekk:*

[2] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-30 t' Ottubru, 2020.
[3] *Il-Pulizija v. Stephen Chetcuti et: App.Inf 07/11/2003*
[4] *App.Sup 13/06/2013*

***"…. l-fatt li ma hemmx traskrizzjoni ta' xiehda ta' l-Ispettur Josric Mifsud tal-mument li fih esebixxa d-dokumenti msemmija, ma jfissirx illi ma ġiex somministrat lilu l-ġurament qabel ma esebihom. Mhux kull ma jingħad fl-Awla jiġi traskritt."***

*Fuq kollox l-artikolu 3 tal-Kapitolu 284 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi*

*"Minkejja kull disposizzjoni f'xi liġi oħra, kull qorti **tista'** tordna li l-proċedimenti tagħha jew xi parti minnhom jiġu reġistrati b'mezzi elettro-manjetiċi."*

*Dan ifisser illi l-Qorti ma hijiex marbuta illi taghmel registrazzjoni tal-procediment li jkun qed isir quddiemha u li sussegwentement dawn jigu traskritti u ghalhekk tista' tirregistra kull haga li jsir matul l-udjenza bil-miktub, kif fil-fatt sehh f'dan il-kaz.*

*Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni hija ghal kollox infondata u qed tigi michuda.*

***Din il-Qorti ssostni illi mhux kull ma jinghad fl-awla jigi transkritt. Ir-regola hi li dak li jsehh quddiem qorti u li hu, jew li jista' jkun, ta' importanza, jigi registrat fil-verbal ta' dik l-udjenza. Sakemm ma jigix pruvat li dak li gie registrat fil-verbal ta' l-udjenza gie registrat b'mod zbaljat jew inkomplet, il-Qorti toqghod fuq il-verbali. Huwa minnu li forsi l-amministrazzjoni tal-gurament skond il-ligi ma tirrizultax mill-atti, madankollu dan zgur ma jwassalx ghall-isfilz tax-xhieda fejn mit-traskrizzjoni ma jirrixultax li gew amministrati l-gurament. Oltre minn hekk, qas hu kaz ta'sfilz jekk ma jkunx hemm***

***traskrizzjoni imma biss verbal f'dan ir-rigward. Ghalhekk, din il-Qorti qedgha tichad l-erbatax-il eccezzjoni.'***

F'rigward l-istess eccezzjoni, l-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*'68. L-appellant isostni, iżda, illi minkejja li mhuwiex qiegħed jikkontesta l-verbali li saru quddiem il-Qorti Istruttorja, xorta waħda mill-imsemmija verbali ma jirriżultax jekk l-amministrazzjoni tal-ġurament sarx skont il-liġi. Jinsisti illi l-artikolu 632 tal-Kap.9 huwa ċar meta hemm dispost b'mod tassattiv illi għandu jingħata il-ġurament lix-xhud u n-nuqqas ta' dan il-ġurament ma jippermettiex xhud li jagħti d-deposizzjoni tiegħu quddiem il-qorti.*

*69. Issa l-artikolu 631 tal-kodiċi Kriminali jiddisponi illi:*

*Ix-xhud li jistqarr ir-Reliġjon Kattolika Rumana għandu jaħlef kif hi d-drawwa ta' dawk li huma ta' dik ir-reliġjon; u x-xhud li ma jistqarrx din ir-reliġjon għandu jaħlef bil-mod li huwa jidhirlu illi hu tal-akbar rabta għall-kuxjenza tiegħu.*

***70. Dan ifisser illi kull xhud irid jiġi lilu somministrat il-ġurament bil-formola maħsuba fl-artikolu 632. Issa l-liġi mkien ma tiddisponi illi dan il-ġurament għandu jkun rifless verbatim fl-atti tal-kawża, u allura jkun implikat illi jekk fil-verbal tal-kawża hemm imniżżel illi x-xhud ikun xehed bil-ġurament ifisser illi lil dak ix-xhud kien somministrat il-ġurament bil-formola stabbilita fil-liġi. Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-appellant, li kien preżenti matul it-teħid tax-xiehda mill-Qorti Istruttorja, ma lmentax, quddiem dik il-Qorti, illi xi xhud kien xehed mingħajr ma kien mogħti il-ġurament, tant hu hekk illi huwa stess iddikjara illi mhuwiex qiegħed jikkontesta l-verbali tal-qorti. Jingħad biss illi minn eżami tal-atti***

*kumpilatorji jirriżulta, kemm fil-verbal ta' kull seduta fejn instema' xi xhud, li x-xhud ikun xehed bil-ġurament, kif ukoll fit-traskrizzjoni ta' dik ix-xiehda, fejn hemm ukoll rifless dan il-fatt. Il-fatt li t-traskrittur ta' dik l-evidenza ma ittraskriviex kelma b'kelma l-għoti tal-ġurament ma jfissirx illi dan ma ngħatax fil-formula stabbilita fil-liġi. Żgur mhux forsi illi, anke jekk, gratia argomenti, jirriżulta dan in-nuqqas, li fil-fatt ma jemerġi minn imkien fl-atti, xorta waħda dan ma iġġibx il-konsegwenzjali nullita' tal-atti tal-kumpilazzjoni. Fuq kollox ix-xhieda kollha li ddepponew quddiem l-Istruttur ser jerġgħu jixhdu fil-ġuri bil-Qorti Kriminali, fil-presenza tal-appellant, tissomministra il-ġurament lil kull xhud permezz tad-Deputat Reġistratur addett ma' dik il-Qorti. Illi finalment il-Qorti tosserva illi l-artikolu 577(3) tal-Kodiċi ta'l-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, li fuqu l-appellant qiegħed isejjes din l-eċċezzjoni, fost disposizzjonijiet tal-liġi oħra, ma jsibx applikazzjoni għal proċeduri kriminali u dan kif jirriżulta minn qari tal-artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali[5]. Dan l-aggravju jirrażenta il-fieragħ u qed jiġi miċħud ukoll.*

Ghaldaqstant, a skans ta' ripetizzjoni ghal dak ga ritenut fis-sentenzi sucitati, din il-Qorti qedgha tichad it-tielet aggravju tal-akkuzat.

Illi permezz **tar-raba' eccezzjoni preliminari**, l-akkuzat qed jitlob l-isfilz tad-depozizzjonijiet tal-esperti kollha mahtura fl-inkjesta, flimkien mar-rapporti u/jew dokumenti esebiti minnhom u dan ghaliex minn imkien ma jirrizulta l-iskop tan-nomina ta' kull wiehed minnhom. Ghaldaqstant in-nomina taghhom hija monka u

[5] *645. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 570, 574, 578, 579, 580, 583, 584, 585, 586, 590, 592, 598, 599, tal-artikolu 60 (1)2 u tal-artikolu 605 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħoddu wkoll għall-qrati ta' ġustizzja kriminali u l-imsemmija artikoli 570, 574, 583, 590, u 592 jgħoddu wkoll għal kull proċedura taħt it-Titolu II tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi.*

dak kollu li jsegqi n-nomina tmur kontra dak dispost fil-proviso tal-Artikolu 548(1) tal-Kodici Kriminali.

Illi stante l-fatt li l-akkuzat ma ndikax ghal-liema proviso qed jirreferi, din il-Qorti sejra tipproduci l-Artikolu 548(1) fl-intier tieghu:

> *'548. (1) Fl-aċċess għandhom jinġiebu l-periti li jinħtieġu, u ta' dan l-aċċess għandu jsir proċess verbal:*
>
> *Iżda l-maġistrat jista', meta jidhirlu spedjenti, jagħti s-setgħa lill-periti li jirċievu dokumenti u jisimgħu x-xhieda bil-ġurament u li jieħdu x-xiehda tagħhom bil-miktub u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 650(5) u tal-artikolu 653(3) għandhom japplikaw mutatis mutandis:*
>
> *Iżda wkoll, l-"in genere" għandu jiġi eżaminat biss minn persuni tal-professjoni kompetenti, kull meta hekk tkun titlob l-imġieba xierqa:*
>
> *Iżda wkoll, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 552(2), ebda espert ma għandu jinħatar biss sabiex jisma' x-xhieda bil-ġurament u jieħu x-xiehda tagħhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti, meta r-reat li għandu jiġi investigat hu wieħed li hu punibbli bi piena massima ta' priġunerija għal seba' snin jew aktar.'*

Din il-Qorti tibda billi tghid illi l-ligi mkien ma tipprovdi illi ghandha tigi specifikata n-nomina ta' kull esperti b'mod individwali. In oltre, anke meta gie nominat espert sabiex jaghmel dak li l-ligi tghid li ma ghandux isir,[6] dak mistharreg minnu ma giex iddikjarat null u sissegwentament sfilzat. In oltre skont l-artikolu 650 tal-Kap 9, għandhom jinħatru esperti f'dawk il-każijiet kollha, fejn ikun meħtieġ tagħrif jew ħila speċjali għall-eżami ta' persuna jew xi oġġett. Skont is-subinċiż (5) tal-istess

[6] Ara f'dan ir-rigward **Ir-Repubblika ta'Malta vs Carmel Saliba** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar it-2 ta' Mejju,2013.

artikolu, il-Qorti għandha, meta jkun hemm bżonn, tagħti direzzjonijiet lill-esperti. Mid-diċitura tas-subinċiż (5) tal-artikolu 650 tal-Kap9 jirriżulta li l-Qorti għandha tagħti direzzjonijiet lill-esperti **meta jkun hemm bżonn.**

Issir referenza ghas-senenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Ir-republika ta' Malta vs Francis Grech decisa fid-19 ta Novembru 2019 fejn inghad li –

> *Fil-każ tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud, malli l-Maġistrat Inkwirenti jaħtru bħala espert, ix-xogħol li għandu jwettaq bħala espert huwa wieħed awtomatiku. Is-sur Mario Mifsud normalment jinħatar espert (jew hu jew l-analista Godwin Sammut, skont min ikun tal-għassa) kull meta jkun hemm każ tad-droga u kull wieħed minn dawn l-esperti jaf li d-dmir tiegħu huwa wieħed – li janalizza u jiżen d-droga misjuba – sakemm ma jkunx hemm ħtieġa ta' xi analiżi oħra, bħalma jista' jiġri matul il-proċeduri quddiem il-Qorti Istruttorja. Ma jidhirx li dan l-espert qatt tqabbad għal xi analiżi tad-demm jew biex jagħmilha ta' espert ballistiku jew tal-elettriku.*
>
> *Għalhekk kemm l-Ispiżjar Mario Mifsud kif ukoll l-analista s-sur Godwin Sammut meta jinħatru mill-Maġistrat Inkwirenti jafu sew x'inhu l-inkarigu primarju tagħhom u m'għandhom għalfejn jippreżumu xejn għax huma esperti f'qasam speċjalizzat ħafna u li sa minn żmien sew ilu – u għadu hekk s'issa – huma dawn l-uniċi żewġ esperti li jinħatru għal dan il-għan jiġifieri għall-analiżi u l-użin tas-sustanza.*
>
> *Għalhekk, fi kliem l-istess subinċiż (5) tal-artikolu 650 ma kien hemm ebda bżonn li l-Maġistrat Inkwirenti jispeċifika l-inkarigu tal-espert l-Ispiżjar Mario Mifsud li jidher mal-lista ta' esperti li għażel il-Maġistrat Inkwirenti.*

Illi fl-eccezzjnijiet moghtija mikk-akkzuatma jirrizultax ghal liema espert kien qed jirreferi. In il-Qorti esamiant l-atti u jirrizulta li l-esperti nomianti f'dawn il-proceduri huma ben mgharufa fis-sistema gudizzjajra u ghalhekk l-inakrigu taghhom kien qiehed ovvju. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qeghda tigi sfilzata.

**Il-hames eccezzjoni** tal-akkuzat Mercieca tirrigwardja talba ta' sfilz ta' dokomunt konsisteni f'incirata u dan peress illi mid-data tal-allegat incident sad-data tal-prezentata tal-ezebit waqt is-seduta, l-oggett kien fil-pussess tax-xhud u ghalhekk l-oggett li suppost jikostitwixxi evidenza ma giex preservat skond il-ligi. Ghalkemm l-akkuzat ma specifikax, din il-Qorti jidrilha li din l-eccezzjoni tirrigwardja c-*chain of custody*.

Illi l-principju tac- '*chain of custody*' daqskemm ic-'*chain of evidence*', jghid li huwa dritt sagrosant tal-akkuzat li jkollu garanzija tal-awtenticita' tal-provi pprezentati mill-Prosekuzzjoni kif ukoll tal-origini taghhom, ta' xi movimenti li dawn setghu ghamlu u tal-mod kif dawn gew ipprezervati mill-mument illi tali provi nstabu u/jew gew ikkompilati sal-mument illi l-istess gew ipprezentati bhala evidenza fil-proceduri quddiem il-Qorti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Josef Majri**[7] gie ritenut hekk:

> *41. Ma jrid jitħalla ebda dubju raġjonevoli f'moħħ minn irid jiġġudika l-fatt dwar it-traċċjabilita tal-oġġetti jew dwar l-awtentiċita, l-integrita u l-kontinwita tagħha. Il-Prosekuzzjoni jeħtieġilha tipprova li dik l-evidenza li ġiet miġbura, maħduma u miżmuma b'mod integru mill-bidu tal-istħarriġ sal-fażi fejn tkun qed tiġi preżentata b'evidenza fil-Qorti. Fis-sentenza Il-Pulizija vs. Raymond Azzopardi deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Diċembru 2019 b'referenza għal prinċipju tac-'Chain of Custody' qalet hekk:*

[7] Deciza minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta nhar it-28 ta' Marzu, 2023.

*'17. Sejra taghmel dan kollu kemm ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, kif ukoll sabiex l-appellant ma jkunx imcahhad mill-jedd ghal smigh xieraq skont il-ligi. L-ghan ewlieni ta' kull qorti ta' gustizzja penali huwa li tara illi l-akkuzat ikollu smigh xieraq. Meta process penali jwassal ghal dikjarazzjoni ta' htija msejsa fuq evidenza kontaminata, il-jedd ghal smigh xieraq ikun qed jigi vjolat. Madanakollu sabiex il-Qorti tasal biex tistabilixxi l-validita' tal-prova kostitwita b`dik l-evidenza jrid isir ezami tal-iter segwiet mill-mument illi dik il-prova ndizzjarja titfacca fil-kors talinvestigazzjoni tal-pulizija, kif u minn min tkun giet elevata, kif tkun giet ippreservata u sussegwentement min ghamel l-ezamijiet forensici fuqha u b'liema mod, sabiex fl-ahhar issib postha quddiem il-Qorti.*

*18. Dan ghaliex:*

*Wherever he steps, whatever he touches, whatever he leaves, even unconsciously, will serve as silent evidence against him. Not only his fingerprints or his footprints, but his hair, the fibres from his clothes, the glass he breaks, the tool mark he leaves, the paint he scratches, the blood or semen he deposits or collects - all these and more bear mute witness against him. This is evidence that does not forget. It is not confused by the excitement of the moment. It is not absent because human witnesses are. It is factual evidence. Physical evidence cannot be wrong; it cannot perjure itself; it cannot be wholly absent. Only its interpretation can err. Only human failure to find it, study and understand it, can diminish its value. (Kirk, Paul, Crime investigation, John Wiley & Sons Canada, Limited, 1953). However, the value of even the most carefully recovered and preserved evidence can be lost if the chain-of-custody is not properly maintained. "**Chain-of-custody" is often recognized as the weak link in criminal investigations. It refers to the chronological and careful documentation of***

***evidence to establish its connection to an alleged crime. From the beginning to the end of the forensic process, it is crucial to be able to demonstrate every single step undertaken to ensure "traceability" and "continuity" of the evidence from the crime scene to the courtroom.'***

42. *Fuq livell internazzjonali wieħed isib ukoll pronunzjamenti oħra, bħal dawk tal-Qorti Suprema Amerikana fejn fis-sentenza* ***Hawkins vs. State of Arkansas*** *għamlet referenza għal sentenza oħra* ***Guydon vs. State*** *li hija meqjusa bħala 'landmark case' fuq materja ta' ammissibilita' ta' evidenza. In fatti, evidenza tkun ritenuta ammissibbli* ***biss*** *jekk din l-evidenza tkun awtentika u ma jirriżultax li qatt ġiet mittiefsa jew mibdula b'xi mod u dan in linja mal-prinċipju tac-'chain of custody'. L-istess intqal fil-każijiet* ***Chatmon vs. State, Garner vs. State u Davis v. State***[8]*, fost oħrajn. Imbagħad, issir referenza wkoll għas-****sentenzi State vs. Thomas, State vs. Olsen, State vs. Burtchett u Mallillin vs. People***[9] *fejn ukoll il-prinċipju regolatur għal dak li għandu x'jaqsam mal-ammissibilita' tal-evidenza, kien enunċjat bħala bbażat fuq il-prova li dik l-evidenza utilizzata mill-Prosekuzzjoni ma ġiet qatt mibdula. Intqal ukoll kif l-ammissibilita' ta' din l-evidenza fil-Qorti teħtieġ eżerċizzju ta' apprezzament ta' fatturi bħalma huma 'the nature of the article, the circumstances surrounding the preservation and custody of it, and the likelihood of intermeddlers tampering with it'.*[10] *Fir-rigward tattraċċjabilita' tal-evidenza,* ***f'Barron vs. Valdmanis***[11] *intqal hekk:*

*In criminal prosecution where it is necessary to establish that material found in the accused's possession is identical with material subsequently analysed, there are, as was pointed out by Brereton J*

[8] *9 Citing Guydon v. State, 344 Ark. 251 | Casetext aċċess: 20/10/22*
[9] *Hekk kif iċċitati mill-appellant f'paġna 7 tar-rikors ta' appell tiegħu.*
[10] *State vs. Thomas, 32 St. Rep. 229, 532 P.2d. 405 (1975).*
[11] *US Supreme Court, Mejju 1978.*

*Young v Commissioner for Railways (1962) NSWR 647 at 651, two ways of doing so.* ***The first is to trace it from hand to hand and to this end it is usually necessary to call every person who had it in custody from the point of origin to the end of its journey.***[12] *The second method is to identify that which was found in the possession of a person charged by its physical characteristics with that which was analysed; per Justice Meares.*

*43. L-istess intqal* ***f'People vs. Beran***[13] *fejn il-prinċipju tac-'chain of custody' ġie enunċjat bħala marbut man-neċessita' li tiġi assigurata l-integrita' u l-valur probatorju tal-evidenza miġjuba u ntqal kif dan iseħħ biss jekk:*

*To be admissible, the prosecution must establish by records or testimony the continuous whereabouts of the exhibit*[14]*, from the time it came into the possession of the police officers, until it was tested in the laboratory to determine its composition, and all the way to the time it was offered in evidence.*

*44. U minħabba l-importanza li tiġi stabbilita' t-traċċjabilita' talevidenza, huwa neċessarju li, kull min b'xi mod kien involut fit-teħid u l-kustodja tagħha, jiġi mitlub biex jixhed dwar l-involviment tiegħu kif intqal. Hekk biss l-akkużat jista' jkollu kontroll totali fuq l-integrita' ta' dik l-evidenza. Dan kien mistqarr fid-deċiżjoni* ***People vs. Connelly***[15] *fejn intqal is-segwenti b'referenza għar regola tac-'chain of custody':*

*When the evidence itself is not patently identifiable of is capable of being replaced or altered, admissibility generally requires that all those*

[12] *Enfasi ta' din il-Qorti.*
[13] G.R. No. 203028, January 15, 2014
[14] *Enfasi ta' din il-Qorti.*
[15] *35 N.Y.2d 171, 174, 316, N.E.2d 706, 708, 359, N.Y.S.2d, 266, 269 1974.*

*who have handled the item 'identify it and testify to its custody and unchanged condition.*

45. ***Dan il-punt ta' dritt iġib miegħu allura konsiderazzjoni ta' natura probatorja li tistħarreġ preċiżament dan l-element ta' traċċabbilita. Din il-kwistjoni probatorja hija kwistjoni ta' fatt li għandha tiġi mħollija f'idejn l-imħallfin tal-fatt fl-istadju tal-ġuri. Huwa intempestiv f'dan l-istadju li tikkunsidra n-nuqqas tattraċċjabilita' tal-evidenza kif qiegħed jeċċpixxi l-akkużat oltre għall-fatt li kif intqal, l-esperti in kwistjoni għad iridu jixhdu fl-istadju tal-ġuri u għalhekk l-evidenza kollha minnhom miġbura għad trid tgħaddi mill-iskrutinju tal-imħallfin tal-fatt. Ma jkunx fil-kompetenza ta' din il-Qorti f'dan l-istadju li tiddeċiedi fuq in-nuqqas ta' valur probatorju ta' dokumenti formanti parti mill-atti kumpilatorji minħabba dak li l-akkużat qiegħed iqis bħala difett fic-'chain of custody' u fic-'chain of evidence'. Dan il-fatt, kemm -il darba huwa minnu, iridu jaslu għalih il-ġurati wara li jkunu semgħu l-provi kollha miġjuba quddiemhom u jridu jkunu huma li jiddeċiedu jekk hemmx kontinwita' fl-evidenza b'mod tali li jaslu jikkonvinċu ruħhom li mhemmx dubju dettat mir-raġuni dwar il-fatt li l-espert Gilbert Mercieca ġie mgħoddi l-esebiti mill-esperti Dr. Marisa Cassar u l-Ispettur Justine Grech.'*[16]

Hija konsiderazzjoni ta' natura probatorja jekk fil-fatt fil-kaz odjern jezistix difett fil-kontinwita' t'evidenza. Ghalhekk, din il-kwistjoni probatorja hija kwistjoni ta' fatt li ghandha tigi mhollija f'idejn l-imhallfin tal-fatt fl-istadju tal-guri. Ghaldaqstant din il-Qorti qeghda tichad din l-eccezzjoni tal-akkuzat.

[16] Enfasi ta' din il-Qorti.

**Is-sitt eccezzjoni preliminari** tirrigwardja l-isfilz tad-dokument esebit minn Maria Cauchi konsistenti f'*footage* allegatament mehud minn *mobile phone* u dan peress li ma hemmx spjegat min ghamel l-estrazzjoni tal-imsemmi *footage*. In oltre, l-*mobile phone* li minnu suppost ittihed dan il-filmat ma giex esebit fl-atti u qatt ma gie mghoddi lill-pulizija ghal preservazzjoni tieghu. Din l-eccezzjoni preliminari hija simili hafna ghal dik ta' qabilha. F'dan il-punt issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Adrian Piscopo**[17] fejn il-Qorti kif preseduta ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs David Sant**[18] fejn fuq dawn il-punti l-Qorti espremiet ruhha billi qalet hekk:

> **3.** *Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx ma' l-appellant li dan id-dokument kellu jigi dikjarat inammissibbli.* ***Wiehed irid jiddistingwi bejn l-ammissibilita` ta' dokument u l-valur probatorju*** *li jista' jinghata lil tali dokument. Ghalkemm huwa dejjem desiderabbli li meta jigi ezibit dokument li jkun irregistra xi xena jew diskors – film, video clip, tape recording u registrazzjonijiet ohra simili – jittella' jixhed xi hadd li jkun jista' jikkonferma kif u taht liema cirkostanza saret dik ir-registrazzjoni, tali konferma ma hix pre-rekwizit ghall-ammissibilita` tad-dokument. Bizzejjed wiehed jiehu l-kaz ta' meta, waqt xi perkwisizzjoni, jinstab ritratt jew filmat li jkun juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga li tkun relevanti ghall-meritu tal-kaz; il-persuna li tkun hadet dak ir-ritratt jew gibdet il-filmat tista' ma tkunx rintraccabbli (tista' anke tkun l-istess imputat li naturalment, bhalma ghandu kull dritt, jibqa' sieket meta mistoqsi dwar dak l- oggett),* ***izda b'daqshekk ma jfissirx li dak id-dokument ma jkunx ammissibbli.*** ***In-nuqqas ta' produzzjoni ta' min ha r-ritratt jew gibed il-filmat (jew irregistra l-konversazzjoni) jista', skond ic-cirkostanzi, jincidi fuq kemm dak li juri dak id-dokument huwa minnu – ghalhekk il-valur probatorju.*** *Jista' jkollok ukoll sitwazzjonijiet fejn il-persuna li tkun hadet ir-ritratt jew filmat, jew li*

[17] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-3 ta' Mejju, 2022.
[18] Deciza mill-Qorti t' Appell Kriminali nhar il-15 t' Ottubru, 2007.

*rregistrat il-konversazzjoni, tkun talbet li tibqa' anonima. Hekk per ezempju, jista' jkollok filmat li juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga – l-azzjoni tkun cara izda ma jkunx jista' jigi identifikat min qed jaghmel dik l-azzjoni, cioe` jekk hux l-imputat jew persuna ohra. Min ikun ha dak il-filmat ikun possibilment jista' jidentifika lill-imputat; jekk jibqa' ma jidentifikahx ghax ma jittellax jixhed, il-prosekuzzjoni tkun naqset milli tipprova li l-azzjoni hemm murija tkun saret mill-imputat. Kwistjoni simili kienet giet deciza mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Dicembru 1998 fis-sentenza (preliminari) fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja***[19]*u in segwitu konfermata fuq dan il-punt minn din il-Qorti kollegjalment komposta.*[20] *Il-kwistjoni kienet tirrigwarda l-ammissibilita` ta' registrazzjoni ta' konversazzjonijiet telefonici li allegatament kienu saru bejn l-akkuzat u xhud tal-prosekuzzjoni. Dik il-Qorti kienet iddikjarat il-casette tape relattiv ammissibbli minkejja li l-pulizija kienet naqset, anzi rrifjutat, li tghid min irregistraha u kif dik ir-registrazzjoni kienet saret. Il-Qorti Kriminali f'dak il-kaz kienet ghamlet referenza ghall-insenjament ta' Lord Chief Justice Goddard fil-kaz* ***Kuruma, son of Kaniu v. The Queen***[21] *fejn a pagna 203 jinghad hekk:* ***"... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While the proposition may not have been stated in so many words in any English case there are decisions which support it, and in their Lordship's opinion it is plainly right in principle."*** *Ghalkemm dan intqal fil-kuntest ta' allegazzjoni li l-prova kienet inkisbet b'mod illegali, il-principju jibqa' li t-test huwa dak tar-relevanza:* ***jekk il-filmat jew ritratti jew registrazzjoni hu jew jista' jkun relevanti – jigifieri mhux manifestament irrelevanti***

[19] Att ta' Akkuza numru 20/97.
[20] Ara s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kompetenza taghha superjuri, u fl-istess ismijiet, tat-3 ta' Mejju 2000.
[21] [1955] AC 197

***– allura, fin-nuqqas ta' xi exclusionary rule of evidence dak id-dokument hu ammissibbli,*** *salv* ***dejjem kif inghad il-kwistjoni tal-valur probatorju. Mill-banda l-ohra, jekk ir-relevanza tad-dokument ma tkunx tista' tigi stabbilita mill-istess filmat jew ritratt jew registrazzjoni, allura, fin-nuqqas ta' xi xhud li jkun jista' jistabilixxi dik ir-rilevanza, il-qorti tista' tasal ghall-konkluzzjoni li dak l-istess dokument hu manifestament irrelevanti u allura anqas biss tqisu***[22]. ***Il-kwistjoni tal-kontinwita` ta' l-evidenza, li l-abbli difensur ta' l-appellant sahaq fuqha kemm fir-rikors kif ukoll fit-trattazzjoni, tqum biss – u dan, fi kwalunkwe kaz, fil-kuntest tal-valur probatorju*** – ***jekk kemm-il darba jkun irid jigi stabbilit li l-oggett in kwistjoni huwa l-istess oggett misjub jew elevat minn x'imkien, u/jew li mill-mument li l-oggett gie hekk misjub jew elevat ma ntmessx fir-rigward ta' xi proprjeta` tieghu li tista' tghin fil-prova tal-htija jew tal-innocenza tal-imputat jew akkuzat.*** *Issa, fil-kaz in dizamina is-Supretendent Mario Spiteri*[23] *fisser li d-DVD kien ghaddihulu l-editur tal-Maltatoday wara li dan il-gurnal kien ippubblika fil-harga ta' nofs il-gimgha stills f'forma ta' ritratti mehuda mill-filmat. La dana l-editur u lanqas min effettivament gibed il-filmat ma ttella' jixhed. B'dana kollu dan ma jirrendix id-DVD inammissibbli, u dan ghar-ragunijiet aktar 'l fuq imfissra. Kwantu ghal-valur probatorju – u cioe` (1)* ***jekk dak li juri dan il-video hux minnu (fis-sens li verament sehh dak li jidher fih, u li ghalhekk dan mhux xi montatura) u (2) jekk hux verament l-appellant li jidher fih jaghmel xi affarijiet*** *– l-appellant stess kemm meta gie interrogat mis-superjuri tieghu kif ukoll meta ddepona quddiem din il-Qorti f'ebda hin ma cahad li dak li juri dak il-filmat ma hux minnu jew*

[22] ***"A photograph (or film) the relevance of which can be established by the testimony of someone with personal knowledge of the circumstances in which it was was taken (or made), may also be admitted to prove the commission of an offence and the identity of the offender."*** – Blackstone's Criminal Practice – 2004 (OUP), para. F8.36, pagna 2145

[23] Udjenza tal-10 ta' Awissu 2007.

*li l-persuna li tidher ixxejjer bl-irkoppa ghal darbtejn fid-direzzjoni ta' mara f'vettura ma kienx hu: anke din il-Qorti setghet tistabilixxi lil hinn minn kull dubbju dettat mir- raguni u <u>minghajr il-htiega ta' xhieda jew periti</u>, li l-ufficjal li jidher jaghmel dawn l-affarijiet hu fil-fatt l-appellant. L-appellant jghid biss li l-filmat ma jurix dak kollu li gara, senjatament il-parti meta kien hemm il-coach li mblukkat it-triq u meta huwa mar biex johdilha c-cavetta, kif ukoll partijiet wara, cioe` minn meta l-franciza intilfet minn sensiha sakemm giet l-ambulanza. Din il-Qorti wara li rat, bhalma ghamlet l-ewwel qorti, il-clips in kwistjoni hi tal-fehma li dawn, u specjalment l-ewwel wiehed, juru ezattament dak li gara fil-mument relevanti meta f'hin minnhom Sprangers inghatat daqqa bl-irkoppa fuq sidirha u intilfet minn sensiha. Din il-Qorti m'ghandhiex l-icken dubbju li l-clips juru dak li effettivament gara, ghalkemm mhux necessarjament dak kollu li gara, u huma ghalhekk mhux biss prova ammissibbli izda prova elokwenti u relevantissima ghall-kaz de quo. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi michud.'*

Illi l-estrazzjoni tal-footage u n-nuqqas li jigi esebit l-*mobile phone* fl-atti tirrigwardja l-valur probatorju u mhux l-ammissbilta' tal-evidenza. Kif diga gie ritenut fl-eccezzjoni precedenti, l-eżerċizzju ta' kontroll fuq il-provenjenza u awtentiċita' tal-prova ghad trid issir f'dan il-każ, fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, bil-ġudizzju dwar il-valur probatorju tagħha għandu jitħalla unikament f'idejn il-ġurati. Ghaldaqstant, in vista tas-suespost din il-Qorti qeghda tichad ukoll din l-eccezzjoni preliminari.

Fir-rigward **<u>tas-seba' u l-ahhar eccezzjoni</u>** tal-akkuzat, fejn qed jintalab l-isfilz tar-rapport ta' Jonathan Mizzi u dan stante li n-nomina tieghu u l-ezekuzzjoni tal-inkarigu lilu mghoti huma bbazati fuq ic-CD li tieghu qed jintalab l-isfilz fl-eccezzjoni precedenti. Illi stante li din il-Qorti mhux ser tilqa' l-eccezzjoni numru sitta' (6) li tirrigwardja s-CD, isegwi li din il-Qorti lanqas ma sejra tilqa' din l-eccezzjoni. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad ukoll din l-eccezzjoni preliminari.

In vista tas-suespost din il-Qorti qeghda tichad l-ewwel, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt u s-seba' eccezzjonijiet preliminari hekk kif imressqa mill-akkuzat Paolo Mercieca fl-intier taghhom u Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni stante li gja ppronunzjat ruhha dwarha

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tordna l-prosegwiment ta' dawn il-proceduri.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef